25 ta' Ottubru, 1954.

Imħallfin:

Is-S.T.O. Sir L.A. Camilleri, LL.D., *President;*
Chev. Onor. Dr. W. Harding, B.Litt., LL.D.
L-Onor. Dr. A.V. Camilleri, B.Litt., LL.D.

Paolo Inguanez *versus* Joseph Cremona

**Obligazzjoni Kummerċjali — Solidarjetà — Garanzija — Nullità — Art. 119 tal-Kodiċi tal-Kummerċ, u Art. 1137, 1139, u 1277 (c) tal-Kodiċi Ċivili.**

*Fl-obligazzjonijiet kummerċjali huwa preżunt, jekk ma jkunx hemm ftehim kuntrarju, li l-kondebituri huma obligati "in solidum"; u l-istess preżunzjoni tissussisti għall-garanti, anki jekk ma jkunx kummerċjant, li jagħmel tajjeb għall-obligazzjoni kummerċjali.*

*U l-obligazzjoni hija "in solidum" għad-debituri meta huma kollha obligati għall-istess ħaġa b'mod li kull wieħed minnhom jista' jiġi kostrett għall-ħlas tad-dejn kollu, u l-ħlas magħmul minn wieħed minnhom jillibera lill-oħrajn di fronti għall-kreditur. F'dan il-każ il-kreditur jista' jdur kontra min irid mid-debituri "in solidum", mingħajr ma d-debitur hekk preżelt jista' jopponi d-diviżjoni ta' l-obligazzjoni.*

*Jekk il-fatti juru li l-garanti assuma biss garanzija sussidjarja, u din il-garanzija ma tirriżultax bil-miktub, l-istess garanzija hija nulla u inattendibili għall-finijiet kollha tal-liġi.*

Il-Qorti, — Rat l-att taċ-ċitazzjoni quddiem il-Qorti tal-Kummerċ, li bih l-attur, wara li ppremetta illi l-konvenut, solidalment ma' ħadd ieħor, ħa minn għand l-awtur subappalt għar-rimozzjoni u spaċċ ta' residwu ta' faħam, ossija "laċis", minn fuq il-bastimenti ta' l-Armata Ingliża għall-korrispettiv pagabili lill-istess attur ta' £105 fix-xahar, u dan mill-ewwel ta' April 1952 sa l-aħħar ta' Marzu 1953; u illi l-ammont globali li l-konvenut "in solidum" ma' oħrajn kellu jħallas kien ta' £1260, u effettivament ġiet imħallsa biss is-somma ta' £952 bħala akkont, u għalhekk għadu dovut il-bilanċ ta' £308; u illi l-konvenut, non ostanti l-intimazzjoni biex iħallas, anki ġudizzjarjament, naqas milli jħallas; talab illi l-istess konvenut jiġi kundannat iħallas lilu l-imsemmija somma ta' £308, bħala bilanċ lilu dovut mill-istess konvenut "in solidum" ma' ħadd ieħor dwar il-kuntratt fuq ri-

ferit u ghar-ragunijiet premessi; salvi d-drittijiet ta' regress ta' l-istess konvenut skond il-ligi. Bl-ispejjeż, kompriżi dawk ta' l-ittra ufficjali tas-17 ta' Gunju 1953;

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenut, li ssottometta illi s-subappalt riferit fic-citazzjoni gie koncess mill-attur lill-konvenut u lil ħamsa oħra, u l-obligazzjoni tagħhom għall-ħlas tal-korrispettiv ma kienetx solidali, u għalhekk huwa pront biex iħallas il-kwota tiegħu mill-ammont talvolta dovut lill-attur;

*Omissis;*

Rat is-sentenza mogħtija minn dik il-Qorti fil-21 ta' Mejju 1954, li biha giet milqugħa t-talba, bl-ispejjeż; wara li kkunsidrat;

Illi, kif jirriżulta mill-verbal in data 27 ta' Ottubru 1953 (fol. 6), il-konvenut ma jinnegax li hu dovut lill-attur il-bilanc fuq indikat ta' £308;

Illi fl-obligazzjonijiet kummercjali hu preżunt, jekk ma jkunx hemm ftehim kuntrarju, li l-kondebituri huma obligati "in solidum". Mill-jidher, il-konvenut jippretendi li fil-każ preżenti kien hemm appuntu dak il-ftehim kuntrarju;

Illi mill-kumpless tal-provi jirriżulta soddisfacentement illi in rigward tal-konvenut ma kienx hemm l-imsemmi ftehim kuntrarju; anzi jirriżulta illi, in rigward ta' l-istess konvenut, ir-responsabilità ta' dan lejn l-attur, solidalment mas-subappaltaturi l-oħra, u ma' kull wieħed minnhom, għal dak kollu li l-attur ikollu jieħu mill-istess subappaltaturi, giet espressament miftehma;

Rat in-nota ta' l-appell tal-konvenut, u rat il-petizzjoni tiegħu fejn talab li l-imsemmija sentenza tigi riformata, fis-sens li d-domanda attrici tigi milqugħa limitatament għas-somma li tirriżulta dovuta personalment mill-konvenut, u respinta għall-kumplament; bl-ispejjeż taż-żewg istanzi kontra l-attur;

*Omissis;*

Ikkunsidrat;

Illi l-azzjoni proposta bl-att taċ-citazzjoni tinsab bażata

fuq il-pretiża solidarjetà ta' l-appellant u sħabu, li kienu ħadu minn għand l-attur is-subappalt fl-istess att taċ-ċitazzjoni indikat. Kontra dik il-pretensjoni l-appellant jallega li l-imsemmija solidarjetà ma tissussistix, u li ġiet eskluża fil-ftehim li sar in okkażjoni tal-konċessjoni tas-subappalt in kwistjoni;

Ikkunsidrat;

Illi fl-obligazzjonijiet kummerċjali hu preżunt li l-kondebituri huma obligati "in solidum", jekk ma jkunx hemm ftehim kuntrarju; u l-istess preżunzjoni tissussisti għall-garanti, anki jekk ma jkunx kummerċjant, li jagħmel tajjeb għall-obligazzjoni kummerċjali (art. 119 Kodiċi tal-Kummerċ). U l-obligazzjoni hija "in solidum" għad-debituri meta huma kollha obligati għall-istess ħaġa b'mod li kull wieħed minnhom jista' jiġi kostrett għall-ħlas tad-dejn kollu, u l-ħlas magħmul minn wieħed minnhom jillibera lill-oħrajn di fronti għall-kreditur (art. 1137 Kodiċi Ċivili). F'dan il-każ, il-kreditur jista' jdur kontra min irid mid-debituri "in solidum", mingħajr ma d-debitur hekk prexelt ikun jista' joppon d-diviżjoni ta' l-obligazzjoni (art. 1139 Kodiċi Ċivili);

Ikkunsidrat;

Illi, stabbilita n-natura u l-effetti ta' l-obligazzjoni solidali fir-rigward tad-debituri, mill-provi akkwiżiti għall-proċess, u partikolarment mix-xhieda ta' l-attur appellat (fol. 11 u 29), jirriżulta b'mod soddisfaċenti li fil-każ in eżami l-ftehim bejn il-kontendenti kien jimporta esklużjoni tas-solidarjetà bejn l-appellant u sħabu, is-subappaltaturi l-oħra, favur l-attur appellat. Irriżulta, infatti, mix-xhieda ta' l-attur, li skond il-ftehim l-appellant kellu jagħmel tajjeb għal sħabu, fis-sens li l-istess appellant u sħabu kellhom ikunu kull wieħed responsabili għal sehemhom, però fil-każ li xi ħadd minnhom jonqos, jew jekk ma jħallsux, Cremona (l-appellant) kellu jagħmel tajjeb għall-oħrajn kollha. Fl-istess xhieda l-attur kompla jgħid li "il-konvenut, bħala garanti, kellu jħallas is-sehem ta' min ma jkunx ħallas sehmu, jew l-ishma ta' kulħadd fil-każ li kulħadd ikun naqas iħallas sehmu". Iżjed 'il quddiem irrepeta li l-konvenut Cremona kellu jagħmilha ta' garanti ta' l-oħrajn, u qal testwalment li

huwa ma kienx jista' jirrivolġi ruħu kontra kull wieħed mill-oħrajn biex jottjeni l-ħlas lilu dovut, "għaliex bejniethom ma kienux tenuti solidalment versu lejh", iżda kien jista' biss jirrivolġi ruħu għall-ħlas ta' l-intier kontra l-konvenut", "għaliex dan, skond il-ftehim, għamilha ta' garanti għall-oħrajn". U. deijem fi-istess depożizzjoni (fol. 12), l-attur kompla jgħid li huwa, skond il-ftehim, kellu d-dritt li jagixxi kontra l-konvenut "bħala garanti" fil-każ biss li l-oħrajn ma jħallsux l-ammont intier, billi l-konvenut kellu jagħmel tajjeb għan-nuqqas tal-pagament da parti ta' sħabu. Fuq domanda li saritlu mill-Qorti, l-attur irrisponda illi "jekk l-oħrajn igibuli anqas minn £105, Cremona jkun responsabili personalment għad-differenza". Fit-tieni xhieda tiegħu (fol. 29), l-attur irripeta li l-obligazzjoni tal-konvenut kienet dik ta' garanzija għall-ħlas dovut minn sħabu;

Ikkunsidrat;

Illi l-figura ġuridika ta' l-obligazzjoni fuq imsemmija, li, skond ix-xhieda ta' l-attur, giet assunta mill-appellant, hija dik ta' garanti sussidjarju, billi kellu jagħmel tajjeb għall-ħlas dovut minn sħabu fil-każ biss li dawn jonqsu minn dak il-ħlas. Dik il-garanzija, biex jista' jkollha effett, hemm bżonn li tirriżulta bil-miktub, skond kif jinsab stabbilit fl-art. 1277 (c) ta' l-imsemmi Kodiċi Ċivili; u billi fil-każ in eżami ma tirriżultax fil-forma kif rikjesta mil-liġi, hija nulla u inattendibili għall-finijiet kollha tal-liġi;

Illi għalhekk l-azzjoni solidali esperita kontra l-appellant bl-att taċ-ċitazzjoni, mhix aċċettabili, salv id-dritt ta' l-attur għas-sehem dovut mill-appellant personalment mis-somma bl-istess att taċ-ċitazzjoni reklamata;

Għar-raġunijiet fuq miġjuba;

Tilqa' l-appell fis-sens li tiddikjara li l-appellant mhux tenut solidalment għall-ħlas tas-somma mitluba fl-att taċ-ċitazzjoni, iżda huwa biss tenut personalment għas-sehem li jirriżulta minnu dovut minn dik is-somma; u f'dan is-sens tirrespinġi d-domanda kontenuta fl-att taċ-ċitazzjoni, u tirrevoka s-sentenza appellata; bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra l-attur appellat.